MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF
LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2021

Appell Inferjuri Numru 34/2021 LM

**Mayong Chen (K.I. 0165898A)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**The Director of the Department for Citizenship and Expatriate Affairs**
*('id-Direttur appellat')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Mayong Chen (K.I. 0165898A)**, hawnhekk 'l-appellant', minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], tas-26 ta' Marzu, 2021 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li permezz tagħha l-Bord iddeċieda illi

l-appell tar-rikorrent mid-deċiżjoni tal-intimat **The Director of the Department for Citizenship and Expatriate Affairs,** hawnhekk 'l-appellat', tas-17 ta' Settembru, 2020 sar *fuori termine,* u għalhekk il-Bord iddeċieda li m'għandu jieħu l-ebda konjizzjoni ta' dan ir-rikors tal-appell.

**<u>Fatti</u>**

2. Fit-30 ta' Lulju, 2020 ir-rikorrent kien applika għal *single permit* taħt il-proċedura kkontemplata fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17. L-applikazzjoni tar-rikorrent ġiet rifjutata minn Identity Malta għaliex meta sar l-eżerċizzju ta' *due diligence* fil-konfront tar-rikorrent, JobsPlus ma tatx l-approvazzjoni tagħha għall-ħruġ ta' tali permess. Fl-ittra li ntbagħtet lir-rikorrent, dan ġie infurmat illi, "*Your request cannot be acceded to as when carrying out our due diligence process your application was not recommended for approval by Jobsplus becasue in view of the information provided on the MBR records, there is no evidence that you are eligible to the investment criteria, thus your application cannot be considered eligible.*"

3. Ir-rikorrent ġie infurmat ukoll li huwa kien mistenni li jħalli Malta, sakemm ma kellux xi forma ta' awtorizzazzjoni oħra li permezz tagħha seta' jibqa' fil-pajjiż, u ġie infurmat ukoll li seta' jappella minn din id-deċiżjoni quddiem il-Bord skont l-artikolu 20(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17.

## Mertu

4. Fir-rikors tal-appell tiegħu quddiem il-Bord, ir-rikorrent sostna li r-rakkomandazzjoni ta’ JobsPlus hija erronja, żvijanti u inammissibbli għaliex fil-fehma tar-rikorrent l-*investment criteria* msemmija minnha ma japplikawx għal ċittadini ta’ pajjiżi terzi li għandhom *long-term residence permits* maħruġa minn Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea. Ir-rikorrent ippreżenta dokument maħruġ mill-*EU Immigration Portal* li jgħid li applikazzjoni bħal tiegħu tista’ tiġi rifjutata biss meta fil-pajjiż fejn issir applikazzjoni bħal din, f’dan il-każ hawn Malta, ikun hemm kwota prestabbilita għall-ħruġ ta’ permessi ta’ residenza, liema kwota tkun intlaħqet, u f’każ li s-suq tax-xogħol fil-pajjiż fejn issir applikazzjoni bħal din, ikun tali li jkollha tingħata preferenza lil min diġà jkun jgħix f’dak il-pajjiż legalment. Ir-rikorrent qal li persuni li jkunu ilhom residenti f’xi Stat Membru għal żmien twil, għandhom l-istess drittijiet bħal ċittadini tal-Unjoni Ewropea partikolarment fil-qasam tal-impjiegi, il-protezzjoni u l-assistenza soċjali. Qal li għalhekk ir-rifjut tal-permess li huwa applika għalih sar bi ksur tal-protokolli u l-liġijiet tal-UE, u huwa għalhekk invalidu. Ir-rikorrent talab lill-Bord jiddikjara li r-rifjut tal-applikazzjoni tiegħu sar bi ksur tal-protokolli u r-regoli u l-liġijiet tal-Unjoni Ewropea, u sabiex tingħata ordni li l-applikazzjoni tiegħu għandha tiġi approvata.

## Id-Deċiżjoni Appellata

5. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fis-26 ta’ Marzu, 2021 il-Bord iddeċieda li l-appell ippreżentat mir-rikorrent huwa null, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"1 **Preliminary***

*The Board:-*

*Saw that in virtue of a decision dated 17th September, 2020, Identity Malta Agency informed the appellant that the relative application for a Single Permit had been rejected for the following reason:*

*"... because in view of the information provided on the MBR records, there is no evidence that you are eligible to the investment criteria, thus your application cannot be considered as eligible";*

*Saw the appeal registered on 29th September, 2020; and*

*Saw that Identity Malta Agency filed no submissions.*

***2 Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board***

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principle which this Board, among other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal* ***Edwin Zarb et vs Gilbert Spiteri et*** *(decided on 6th February, 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*The Board observed that this appeal was filed outside the time limit of three working days established by Article 25A (7) of the Immigration Act. After examining the documentation submitted by the appellant, the Board found that neither the appellant nor the prospective employer provided any explanation for the manifest lateness of the appeal.*

*Consequently, the appeal is being declared null.*

***3. Decision***

*Therefore, after having read the relative submissions as well as after having seen the provisions of Chapter 217 of the Laws of Malta and of S.L. 217.17, the Board declares the appeal null and declines to take further cognisance of the appeal.*
*The Board orders that this decision be served on the parties without delay."*

**L-Appell**

6. L-appellant ressaq l-appell tiegħu minn din id-deċiżjoni fit-30 ta' Marzu, 2021, fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka, tħassar u tannulla d-deċiżjoni tal-Bord u tilqa' t-talba tiegħu billi tapprova l-appell tiegħu taħt dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet li din il-Qorti jidhrilha xierqa.

7. L-appellant spjega li huwa ssottometta l-appell tiegħu quddiem il-Bord fl-24 ta' Settembru, 2020, imma minkejja dan, l-appell ġie rreġistrat fid-29 ta' Settembru, 2020. Qal li minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID-19, huwa ġie mgħarraf li l-appelli kienu qegħdin jiġu aċċettati biss permezz tal-posta elettronika. Qal li l-appell tiegħu ġie deċiż unikament abbażi tal-fatt li l-appell ġie sottomess wara t-terminu mogħti mil-liġi. Qal ukoll li huwa ma rċieva l-ebda ittra reġistrata sabiex jiġi notifikat li fis-17 ta' Settembru, 2020, il-Bord ħa deċiżjoni fir-rigward tal-applikazzjoni sottomessa minnu. Qal li anki li kieku għas-saħħa tal-argument huwa irċieva l-ittra l-għada, jiġifieri fit-18 ta' Settembru, 2020, it-*three working days* kienu jiskadu fl-24 ta' Settembru, 2020 għaliex id-19 u l-20 ta' Settembru, 2020 kienu fi tmiem il-ġimgħa u l-21 ta' Settembru, 2020 kienet btala pubblika.

8. L-appellant qal li huwa jħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni appellata għaliex il-Bord kellu provi suffiċjenti li juru li dan l-appell fil-fatt ġie intavolat fl-24 ta' Settembru, 2020, u minflok il-Bord qies id-data tad-29 ta' Settembru, 2020 meta l-membri tiegħu fil-fatt raw u pproċessaw l-*email* inkwistjoni bħala d-data meta ġie rreġistrat dan l-appell.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

9. L-appellat fir-risposta tiegħu qal li d-deċiżjoni ta' Identity Malta hija datata u ġiet ikkomunikata fis-17 ta' Settembru, 2020. L-appellat għamel riferiment għall-artikolu 25A (7) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprevedi li appell minn tali deċiżjoni għandu jiġi intavolat fi żmien tlett ijiem ta' xogħol mid-deċiżjoni li tkun suġġetta għall-appell. L-appellat qal li f'dan il-każ l-appellant stess ikkonċeda li huwa intavola r-rikors tiegħu quddiem il-Bord fl-24 ta' Settembru, 2020. L-appellat qal li filwaqt li d-19 u 20 ta' Settembru, 2020 ġew fi tmiem il-ġimgħa, il-21 u t-22 ta' Settembru, 2020 kienu jiem ta' xogħol u għalhekk dakinhar għalqu t-tlett ijiem ta' xogħol mid-deċiżjoni tal-Bord. L-appellat qal li mhux minnu li l-Bord qies li dan l-appell huwa tardiv għaliex l-appell ġie a konjizzjoni tal-Bord fid-29 ta' Settembru, 2020, iżda għaliex wara li l-Bord qies li dan l-appell iddaħħal tardivament, ma kien hemm l-ebda spjegazzjoni min-naħa tal-appellant dwar għaliex dan l-appell ġie intavolat tardivament. L-appellat qal li din l-ispjega baqgħet ma ngħatatx lanqas quddiem din il-Qorti, u għalhekk għandu jiġi dikjarat li dan l-appell huwa frivolu u vessatorju. L-appellat għamel riferiment għall-mertu tal-appell u qal li ladarba Jobsplus bħala *stakeholder* oġġezzjonat għall-applikazzjoni tal-appellant għaliex dan huwa *shareholder* fil-kumpannija C95949 (Chen Trading Ltd), l-appellant ma ppreżenta l-ebda evidenza ta' din l-informazzjoni fl-*investment criteria* tal-applikazzjoni, u għalhekk huwa ovvju li din in-nuqqas ta' informazzjoni kienet ser twassal għar-rifjut tal-applikazzjoni tiegħu.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

10. Il-Qorti tqis li mill-atti jirriżulta li Identity Malta ħarġet l-ittra li permezz tagħha rrifjutat is-*Single Permit Application* tal-appellant fis-17 ta' Settembru, 2020. Mill-mod kif inhi miktuba din l-ittra jidher ċar li din kienet maħsuba biex tintbagħat bil-posta u mhux f'forma ta' *email.* Mill-atti ma tirriżulta l-ebda prova oħra dwar il-mod kif din l-ittra ġiet notifikata lill-appellant, u għaldaqstant l-unika konklużjoni loġika li tista' tilħaq din il-Qorti hija li din l-ittra ntbagħtet bil-posta, u li fl-aħjar ipoteżi għad-Direttur appellat, din l-ittra ġiet notifikata lill-appellant fit-18 ta' Settembru, 2020, almenu ġurnata wara li ġiet impustata. F'din l-ittra, l-appellant ġie infurmat li huwa kellu jintavola l-appell tiegħu minn din id-deċiżjoni fi żmien tlett ijiem ta' xogħol min-notifika tagħha, u d-dettalji mogħtija fl-ittra jinkludu biss l-indirizz postali u n-numru tat-*telephone* tal-Bord. Imkien f'din l-ittra m'hemm imniżżel li l-appellant seta' jintavola l-appell tiegħu permezz tal-*email,* għalkemm mill-provi jirriżulta wkoll li fl-24 ta' Settembru, 2020, l-avukat difensur tal-appellant bagħtet *email* lill-Bord u talbet lill-Bord jikkonferma li dan l-appell fil-fatt kien ġie rreġistrat. Tali konferma ntbagħtet lill-avukat difensur tal-appellant fid-29 ta' Settembru, 2020.

11. Il-Qorti kkonsidrat ukoll li kuntrarjament għal dak li jallega l-appellat fir-risposta tal-appell tiegħu, il-Bord qies li l-appell ġie intavolat fid-29 ta' Settembru, 2020 u mhux fl-24 ta' Settembru, 2020 (*"saw the appeal registered on 29th September, 2020").*

12. Ħarsa lejn il-kalendarju ta' Settembru 2020 turi li s-17 ta' Settembru, 2020 kien il-Ħamis, u t-18 ta' Settembru, 2020 kien il-Ġimgħa. Id-19, l-20 u l-21 ta' Settembru, 2020 ma kinux jiem ta' xogħol minħabba li kienu tmiem il-ġimgħa u festa pubblika.

13. Il-Qorti sejra tagħmel riferiment għal dak li jipprovdu l-artikoli 101 u 102 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jirregolaw il-mod kif għandhom jingħaddu l-ġranet wara n-notifika ta' att:

> "101. Iż-żmien legali jew ġudizzjarju, illi l-mixi tiegħu jiddependi minn att li għandu jkun innotifikat jew ippubblikat, jibda miexi minn dakinhar li fih l-att l-att jiġi regolarment innotifikat jew ippubblikat.
>
> 102. Meta ż-żmien legali jew ġudizzjarju għandu jibda jgħodd minn ġurnata stabbilita, dik il-ġurnata ma tingħaddx bħala mdaħħla f'dak iż-żmien; u meta ż-żmien jingħadd bis-sigħat, ma tingħaddx bħala mdaħħla s-siegħa li fiha ssir in-notifika."

14. Dan ifisser li jekk wieħed ser iqis il-ġurnata tat-18 ta' Settembru, 2020 bħala l-ġurnata li fiha saret in-notifika tal-ittra mibgħuta minn Identity Malta lill-appellant, dik il-ġurnata ma tingħaddx għall-finijiet tat-tlett ijiem ta' xogħol li fihom ried isir l-appell tal-appellant, bħalma m'għandhomx jingħaddu d-19, l-20 u l-21 ta' Settembru. *Dies a quo non computator in termino.* Dan ifisser li l-appell tal-appellant, li mill-provi jirriżulta li ġie notifikat lill-Bord fl-24 ta' Settembru, 2020, minkejja li l-appellant ma kienx ġie infurmat fl-ittra li ntbagħtet lilu li huwa seta' jibgħat dan l-appell permezz tal-*email*, fil-fatt ġie intavolat entro t-terminu ta' tlett ijiem ta' xogħol kif preskritt, u għalhekk m'għandux jitqies li sar *fuori termine.*

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell tal-appellant, u għaldaqstant qiegħda tordna li l-atti jintbagħtu lura quddiem il-Bord sabiex tingħata deċiżjoni fil-mertu.**

**Spejjeż ta' dan l-appell a karigu tad-Direttur appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**